**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 604/01**

**Gaetano Curmi**

**vs**

**Sandra Moran**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm777.05 (seba mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hames centezmi) lilha versati mill-attur li jikkonsisti kwantu ghal hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) self brevi manu f'zewg (2) okkazzjonijiet permezz ta' cheque u kwantu ghall-bilanc flejjes lilha avvanzati biex tkun tista tirranga post u b'digriet tal-4 ta' Dicembru, 2001 minflok il-kliem 'lilha versati mill-attur li tikkonsisti

kwantu ghal hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) self brevi manu f'zewg (2) okkazzjonijiet permezz ta' cheque u kwantu ghall-bilanc flejjes lilha avvanzati biex tkun tista' u tirranga post' ghandu jidhol il-kliem 'mahruga mill-attur ghal xiri ta' materjal biex tkun tista tirranga post'

Bl-ispejjez tal-avviz tat-talba, tal-ittra bonarja tat-8 ta' Mejju, 2001 (kopja annessa mal-avviz tat-talba u mmarkata Dok A) u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet inguta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont pretiz mill-attur gie saldat u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi in kwantu ghall-bilanc ta' flejjes avvanzati dan mhuwiex minnu.

Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Sema ix-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidra.

Illi l-konvenuta ex admissis tammetti li l-attur avvanzalha xi flus pero tallega li hija rrifondithom lura kollha.  Min jallega pagament, sta a lui provarlo.  L-oneru kien jinkombi lilha dwar dan.

Filwaqt li l-attur kien skjett fix-xhieda tieghu u pprova, ghalkemm ma kienx tenut, il-kreditu tieghu tramite dokumentazzjoni, l-konvenuta allegat li hallset lura f'darbtejn dina meta hargu jieklu flimkien.  Mhux hekk kien, izda kien l-istess attur li nsista li jsellifha filwaqt li huwa jallega li kienet hi stess li talbithomlu ghal bzonnijiet tal-post.  Inolte, l-ewwel tghid li hallsithom  lura ftit ftit, imbaghad id-darbtejn ossija kull darba li hargu flimken, imbaghad tallega li talabhomla l-ewwel darba meta hargu flimkien.  Hemm qbil pero fuq is-somma ta' Lm575 (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin), ir-rimanenti spejjes skond hi ma jezistux.

Ix-xhieda tal-konvenuta fis-seduta tad-29 ta' Jannar,2001 mhi konvincenti xejn.  Il-verosimilita tal-versoni hija aktar tal-attur milli minn dik tal-konvenuta.  Il-konvenuta ma rnexxilhiex tiskariga l-oneru taghha kif rikjest mill-ligi kif kienet tenuta taghmel.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta' u jiddieciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm777.05 (seba mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hames centezmi).

Bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**